MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Numru 734/1999

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN GATT**
**VS**
**ANTHONY TANTI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Tanti ta' 37 sena, iben Joseph u Rose Busuttil, imwieled Pieta' fit-22 ta' Awissu, 1962 u joqghod 6, Triq Qrejten, Imsida, ID 539062M;

Talli fil-15 ta' Lulju, 1997 u x-xhur qabel din id-data gewwa l-Imsida b'diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vetturi Ford I 4147 a detriment ta' Taddeus Cuschieri, Ford D 0762 a detriment ta' Jeffrey Farrugia, Ford minghajr numru a detriment ta' Emanuel Schembri, Mini HAB 212 a detriment ta' Paul Degiorgio u

nies ohra, liema ammont totali ta’ hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin izda izjed minn hamsin lira Maltin;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ l-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tad-Difiza tat-12 ta’ April, 2004;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-ufficjal prosekutur Stephen Gatt jirrizulta li Emanuel Schembri ghamel rapport l-ghassa ta’ l-Imsida li fid-data, lok u hin citat, kien mhedded u nsulentat mill-imputat; Gie stabbilit li l-imputat kien jaghmel uzu minn garage f’Marina Flats, u l-kwerelanti, u ibnu, mechanic u tellar, gieli mblukkawlu l-garage tieghu bil-vetturi ta’ l-klijent taghhom. Gie stabbilit ukoll illi t-tfixkil fl-uzu liberu ta’ l-garage kien kwistjoni antika bejn il-partijiet;

Illi aktar tard fl-istess jum il-kwerelant Schembri rega’ mar l-ghassa jaghmel rapport li sab diversi vetturi ta’ l-klijenti tieghu bi hsara konsiderevoli u li kien qed jissuspetta fl-imputat.

Illi meta gie mitkellem mill-pulizija a tempo vergine, l-imputat innega kollox. F’Jannar 2000, kien inqala’ incident separat u l-ufficjal prosekutur kien rega’ kellem lill-imputat u discorrendo l-ispettur kien semmielu l-kaz odjern.

Spettur Gatt xehed a fol. 6 illi fil-prezenza tieghu u ta’ PC 78 Cremona, l-imputat kien ammetta li huwa kien ghamel il-hsara fuq il-karozzi imsemmija fic-citazzjoni u qal lill-pulizija, li dan il-kaz kien preskritt u l-pulizija kellha tinsieh.

PC 78 Cremona a fol. 7 u 8 xehed li fil-prezenza ta' Spettur Gatt. l-imputat kien ammetta li kien wettaq il-hsara fuq il-vetturi u li kien ghadda z-zmien u ghalhekk il-pulizija ma setghux imexxu kontra tieghu.

Emanuel Schembri a fol. 9 sa 13 ikkonferma li l-imputat kien heddu li ser jaghmillu vendikazzjoni. Innega li kien jimblokka l–entratura ta' l-garage ta' l-imputat bil-vetturi ta' l-klijenti tieghu, anzi qal li ta' sikwit kien isellef l-ghodda lill-imputat. Schembri xehed li hu mar jaghmel rapport l-ghassa u ftit wara sab hsarat fuq erba' karozzi, tnejn tieghu u tnejn ta' l-klijenti. Schembri qal ukoll illi sahansitra l-imputat kien mar sab lil martu u qalilha "ir-ragel tieghek u t-tifel mhux ser jehilsuha, inpattihielhom". Il-hsarat kienu jammontaw ghal Lm395 kif jidher minn fol. 14 sa 18.

Anthony Schembri xehed illi huwa jahdem part time ta' tellar u "spray painter". Xehed illi l-imputat kellu garage aktar 'il gewwa mill-garage tieghu u li fid-data in kwistjoni Schembri kellu l-erba' karozzi msemmija fix-xhieda tieghu. Anthony Schembri xehed illi huwa kien ghamel rapport l-ghassa ta' l-pulizija kontra l-imputat ghaliex dan kien heddu. Xehed li l-imputat kien jurta ruhu meta jsib xi karozza ta' l-klijenti qed tostakola l-passaggi u din il-kwistjoni kienet ilha ghaddejja. Anthony Schembri xehed li kien sar jaf li kien l-imputat li wettaq il-hsara fuq il-vetturi ghaliex kienu rawh xi nies u ghaliex wara xi zmien wara, kien ammetta ma' l-pulizija. Anthony Schembri xehed illi huwa kien gab surveyor ghal stimi ta' l-hsarat fuq il-vetturi.

Mary Schembri a fol. 35 xehdet illi hija kienet taf lill-imputat ghax kien habib tar-ragel taghha u ta' sikwit kien jigi jissellef l-ghodda. Mary Schembri xehdet illi l-imputat dar kontra taghhom. Xehdet illi l-imputat sahansitra kien heddidha bil-kliem "Mary, ara ma tahsibx li ser jehilsuha ibnek u zewgek. Talli baghtuli l-pulizija, ipattuha ghax minn hawn inqaccathom". Mary Schembri xehdet illi l-imputat sahansitra kien ipprova jigbor xi firem ta' l-gara izda ma rnexxielux.

Spettur Gatt a fol. 46 sa 57 esebixxa l-okkorrenza u in kontro ezami ikkonferma li a tempo vergine l-imputat kien innega kollox izda umbaghad ghadda z-zmien u kien ammetta fil-prezenza ta' PS 78 ukoll, u dan ghaliex haseb li l-azzjoni kienet preskritta.

Gie esebit affidavit ta' Emanuel Schembri, dokument 81 a fol. 62 sa 65.

Fit-tieni kontro ezami l-ispettur Gatt tenna l-istess verzjoni. Din il-verzjoni baqghet kostanti kif fil-kontro ezami a fol. 55 sa 57, 66 sa 68 u 92 sa 95.

In kontro ezami Emanuel Schembri a fol. 77 sa 83 kompla jtenni l-verzjoni tieghu pero' ma kienx cert fuq id-data meta gara l-incident. Rinfaccat bix-xhieda permezz ta' affidavit dokument AT1 fejn kien sostna li l-incident gara fid-9 ta' Settembru, l-imputat isostni li ma jiftakarx id-dati ezatt pero' jaf li kien mar jaghmel ir-rapport l-ghassa.

L-imputat Tanti a fol. 84 et seq. fix-xhieda tieghu lmenta ma' l-Qorti li huwa kien ilu jiehu pacenzja ghal seba' snin qabel l-incident, u kien isib il-bokka ta' l-garage tieghu dejjem imblukkata b'karozzi ta' l-klijenti ta' l-kwerelant, u jammetti li zbalja. Infatti a fol. 86 jghid is-segwenti: "Li jiena lest li noffirlu l-mitejn lira ghax jiena zbaljajt. Il-karozzi mhux kif qal hu, m'hemmx dik il-kwantita' ta' hsara, ghax dawn il-karozzi jekk tghaffighom kollha f'daqqa ma tohrogx Volgswagen".

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz in ezami jippernja fuq aprezzament ta' xhieda tal-Prosekuzzjoni u dik moghtija mill-imputat a tempo vergine, u quddiem din il-Qorti, u x-xhieda ta' l-kwerelanti fil-Qorti Civili.

Illi dan il-kaz non si tratta ta' xhieda okkulari li raw lill-akkuzat jikkaguna hsarat fuq il-vetturi. Hawn si tratta ta'

ammissjoni da parti ta’ l-imputat meta dan haseb illi l-azzjoni kriminali kienet preskritta. Din l-ammissjoni saret quddiem l-ispettur Gatt u PC 78 Cremona f’data ferm wara l-incident.

Illi in oltre, ghalkemm a tempo vergine l-imputat innega kollox ma’ l-ispettur, fil-Qorti Civili offra ‘il fuq minn mitejn lira lill-kwerelant, u quddiem il-Qorti l-imputat ammetta illi dakinhar ta’ l-incident huwa zbalja u l-unika haga li kien qieghed jikkontesta kien il-quantum ta’ l-hsarat.

Illi d-Difiza bbazat ruhha kompletament fuq id-data ta’ l-incident kif jidher minn nota ta’ osservazzjoni.

Illi con tutto rispetto ghalkemm jidher illi fil-Qrati Civili l-kwerelant semma’ id-9 ta’ Settembru, quddiem din il-Qorti il-kwerelant qal li ma kienx cert mid-dati izda jaf li ghamel rapport f’dik il-gurnata.

Il-prosekuzzjoni esebiet l-okkorrenza, dokument SG2 a fol. 46 li jindika l-15 ta’ Lulju, kif jidher mic-citazzjoni. Il-Qorti tinnota wkoll li ebda difiza ta’ provokazzjoni ma giet sollevata.

Illi ghal rigward imbaghad tal-quantum tal-hsarat dn il-Qorti rat u ezaminat is-survey reports fuq l-vetturi ndikati li gew esebiti in atti u rat u apprezzat il-fatt illi dan ma gewx imxejna b’mod logiku jew reali md-difiza.

In oltre dn il-Qorti ma tsta taght enda pz ghal osservazzjonjiet gratwiti li l-imputat ghazel li jaghmel: “M’hemmx dik il-kwantita ta’ hsara, ghax dawn il-karozzi jekk tghaffighom kollha f’daqqa ma tohrogx Volkswagen”.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib illi l-Prosekuzzjoni pruvat il-kaz taghha sa l-grad probatorju li jrid il-kamp kriminali u cioe’ beyond reasonable doubt, u ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-artikolu 325 (1) (b) u Art 28A tal-Kap 9, tikkundannah ghal seba’ xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------